# LIL MIKIEL ANTON VASSALLI

(1764—1829)

Missier, għax fik kif minn żgħoritek darba
seħħet ir-rieda biex lill-Malti b'sura
tirqmu ta' kitba, hekk ukoll imwarrba
minnek ma baqgħet xejn l-ulied għajjura

għal-lsien tal-Gżira, u l-lum, tistmerr il-karba
bħalek ta' dawk li minn fuq il-maxtura
ta' l-ilsna barranin jitolbu l-ħarba
tal-merħla tiegħek minn fuq din il-ħdura...

Insejjaħlek Missier, magħruf wisq fl-aħħar,
Missier ta' dan l-imċewlaħ ilsien tagħna
li qalb mewġ kiefer b'dgħajsek għadu jbaħħar...

Għax dellek ikreh, jgħidu, u fik tistagħna
bi ċpar il-ġrajja ta' kull ħidma; issaħħar
b'leħnek ma stajtx lil kull min tħallat magħna...

* * *

B'leħnek ma stajtx lil dawn issaħħar, kbira
għalkemm kienet dik xewqtek daqs dik fehmtek
minn żgħużitek ġo Ruma fejn il-ħmira
ta' xogħlok kollu ħdimt u minn dik lehmtek

ta' ruħ maltija, mita rġajt għall-Gżira,
għall-fidwa tal-Maltin maħqura, b'kelmtek
xewwixt il-qlub: lilek ta' ħutek l-għira
kellha tkeċċik minn hawn u fqir f'qabartek

tidfnek bil-lejl u ċċaħdek minn kull faraġ
tal-gisem u tar-ruħ għaliex miktuba
kienet għalik il-Mewt. Ġakbin, it-taraġ

ta' ħabs wara li nżilt, u ruħ maħruba,
f'art barranija għal darba u tnejn... il-ħaraġ
ħallast hawnekk ta' Xewqtek il-magħtuba.

Jannar 1932

A. Cremona